idpc. INFORMATION AND DATA PROTECTION COMMISSIONER

**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***

**CDP/COMP/167/2025**

[redacted]

**vs**

[redacted]

## ILMENT

1. Illi permezz ta' ittra datata l-24 ta' Marzu 2025 u li dan l-Uffiċċju rċieva fit-28 ta' Marzu 2025, is-Sinjuri [redacted] (l-"**ilmentaturi**") ressqu ilment mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* (il-"**Kummissarju**") ai termini tal-artikolu 77(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (ir-"**Regolament**"),[1] fejn għamlu referenza għal kamera ta' sorveljanza installata ma' ħajt ta' garaxx,[2] u erbgħa (4) kameras ta' sorveljanza installati fost għelieqi li jinsabu ġewwa l-inħawi magħrufa bħala [redacted] fil-limiti ta' [redacted][3] tas-Sur [redacted] (il-"**kontrollur**"), u allegaw li dawn il-kameras qegħdin jipproċessaw id-*data* personali tagħhom bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

[redacted]

## INVESTIGAZZJONI

### Talba għas-sottomissjonijiet

2. Illi bħala parti mill-proċedura interna ta' investigazzjoni, il-Kummissarju pprovda kopja tal-ilment lill-kontrollur sabiex dan ikun jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu li

[1] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).
[2] Il-kamera hija installata mal-faċċata tal-ħajt tal-garaxx fi [redacted].
[3] Il-kameras huma installati fuq porzjon ta' art ġewwa l-inħawi magħrufa bħala [redacted].

Airways House, Second Floor
High Street, Sliema SLM 1549
MALTA
(+356) 2328 7100
idpc.info@idpc.org.mt
www.idpc.org.mt

jidhirlu li huma rilevanti u xierqa sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu fir-rigward tal-allegazzjoni mressqa fil-konfront tiegħu. F'dan il-kuntest, ai termini tal-artikolu 58(1)(e) tar-Regolament, il-Kummissarju ordna lill-kontrollur sabiex jipprovdi kopji tal-*image grabs* meħudin mill-filmati tal-kameras tas-sorveljanza sabiex jiddetermina liema huwa l-ispazju li qiegħed jiġi ssorveljat permezz ta' dawn il-kameras. Il-Kummissarju ordna wkoll li jingħata d-ditta, il-mudell u d-dettalji tekniċi ta' dawn il-kameras.

**<u>Sottomissjonijiet tal-kontrollur</u>**

3. Illi permezz ta' ittra datata t-22 ta' Jannar 2026, li dan l-Uffiċċju rċieva fis-26 ta' Jannar 2026, il-Kummissarju ġie pprovdut bis-sottomissjonijiet tal-kontrollur u nnota s-sussegwenti punti ewlenin:
   a. illi "*l-hames cameras jaqbdu biss il-propjeta'* [tal-kontrollur]";
   b. illi tul is-snin, il-kontrollur ġarrab b'mod regolari ħsarat fil-prodotti agrikoli u fil-proprjetà tiegħu inkluż fis-serratura tal-garaxx tiegħu;
   c. illi, għalhekk iddeċieda li jinstalla l-kameras in kwistjoni, sabiex jipproteġi l-proprjetà tiegħu; u
   d. illi, dawn il-ħames (5) kameras jaqbdu biss il-proprjetà tal-kontrullur.

4. Illi l-kontrollur issottometta *image grabs* meħudin mill-filmati tal-kameras tas-sorveljanza u informazzjoni teknika in konnessjoni ma' dawn l-istess kameras, kif ukoll is-sussegwenti annotazzjonijiet:
   a. illi fir-rigward tal-kamera mwaħħla mal-arblu fuq il-kamra fir-raba' – li hija indikata bħala kamera tat-tip 360°[4] – din tkopri biss raba' esklussivament tal-kontrollur; [redacted]
   b. illi fir-rigward taż-żewġ (2) kameras imwaħħlin mal-opramorta tal-kamra fir-raba' – li huma indikati bħala kameras ta' tip fiss[5] – dawn "*ilhom zmien ma jahdmux...*" u li "*f'kull kaz kienu ikopru biss propjeta'* [tal-kontrollur]";
   c. illi l-kamera mwaħħla mal-barumbara – li hija indikata bħala kamera ta' tip fiss[6] – tkopri sal-konfini tal-proprjetà tal-kontrollur; u

[4] L-annotazzjoni tindika li hija "*camera 359°* [sic] ".
[5] L-annotazzjoni tindika li ż-żewġ (2) kameras huma simili u huma "*bullet camera*" tad-ditta '*Redlink*'.
[6] L-annotazzjoni tindika li hija "*bullet camera*" tad-ditta '*Redlink*'.

d. illi l-kamera mwaħħla mal-ħajt tal-garaxx – li hija indikata bħala kamera ta' tip fiss[7] – il-lenti tal-kamera ġiet milquta meta bdew jinġarru xi siġar ġol-garaxx, u illi "*issa qieghda kif suppost*".

<u>**Kjarifiki addizzjonali mitluba mill-Kummissarju**</u>

5. Illi tenut kont tal-fatt li mhux il-kameras kollha huma indikati bħala ta' natura fissa, u fid-dawl tal-fatt li mis-sottomissjonijiet ipprovduti mill-kontrollur jirriżulta li l-prossimità bejn l-għelieqi tal-kontrollur u dawk tal-ilmentaturi tidher relattivament viċina, il-Kummissarju qies li kien meħtieġ li janalizza b'mod adegwat il-legalità tal-ipproċessar imwettaq permezz ta' dawn il- kameras fost diversi għelieqi li m'humiex immedjatament distingwibbli. Għal dan il-għan, il-Kummissarju talab lill-kontrollur u l-ilmentaturi permezz ta' ittri elettroniċi separati datati l-11 ta' Marzu 2026, sabiex jipprovdu kopja ta' immaġini mill-ajru oħra kif ipprovdut fit-tieni paġna tas-sottomissjonijiet tal-ilmentaturi, li tkun ta' riżoluzzjoni u kobor adegwat, u sabiex huma t-tnejn jindikaw fuq il-kopja rispettiva tagħhom l-perimetru tar-raba' tal-kontrollur, u kif ukoll l-perimetru tar-raba' tal-ilmentaturi.

6. Illi permezz ta' ittra datata t-2 ta'April 2026, li dan l-Uffiċċju rċieva fid-9 ta' April 2026, il-kontrollur ipprovda immaġini mil-ajru fejn ġie indikat kif mitlub mil-Kummissarju, il-porzjonijiet tar-raba' tal-kontrollur, u l-porzjoni tar-raba' tal-ilmentaturi.

**ANALIŻI LEGALI** [redacted]

7. Illi bħala pass preliminari tal-investigazzjoni, il-Kummissarju eżamina s-suġġett tal-ilment fejn l-ilmentaturi allegaw li l-kontrollur installa "*numru ta' CCTV Cameras jippuntaw speċifikament lejn l-istess għalqa suriferita kif ukoll l-istess passaġġi li finalment iwasslu għall-istess għalqa* [tagħhom]", u li għalhekk, dawn il-kameras qegħdin jipproċessaw id-*data* personali tagħhom mingħajr ebda bażi legali skont l-artikolu 6(1) tar-Regolament.

---

[7] L-annotazzjoni tindika li hija "*bullet camera*" tad-ditta '*Redlink*'.

8. Illi l-Kummissarju jikkjarifika, bħala punt ta' tluq, li kull persuna privata għandha d-dritt li tinstalla kamera tas-sorveljanza mal-proprjetà privata tagħha għar-raġunijiet ta' sigurtà iżda dan għandu jsir b'tali mod li ma jiġux mittiefsa d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. Dana jfisser li bħala regola ġenerali, il-kamera għandha strettament tħares għal fuq il-proprjetà privata tal-persuna mingħajr ma tissorvelja proprjetà ta' terzi u kif ukoll spazju pubbliku, li jinkludi t-triq.

9. Illi f'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li l-artikolu 1 u l-premessa 10 tar-Regolament għandhom l-għan li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari l-artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jistipula li kull persuna naturali għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwardha.

10. Illi s-sorveljanza fil-forma ta' vidjo li mhijiex kostretta għall-konfini tal-proprjetà tal-persuna, u li tinvolvi r-reġistrazzjoni u l-ħżin kostanti ta' spazju pubbliku u, jew proprjetà ta' terzi, tikkostitwixxi pproċessar ta' *data* personali għall-finijiet tal-artikolu 4(2) tar-Regolament. Dan għaliex din l-attività ġġib magħha l-ġbir u ż-żamma ta' *data* personali tal-persuni fiżiċi li jidħlu fl-ispazju mmonitorjat li huma identifikabbli fuq il-bażi tad-dehra tagħhom. Intant, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li "*l-immaġni ta' persuna rreġistrata permezz ta' kamera tikkostitwixxi data personali fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija fil-punt preċedenti sa fejn hija tippermetti li tiġi identifikata l-persuna konċernata*"[8].

11. Illi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza '*Ryneš*'[9] iddeċidiet li s-sorveljanza bil-vidjo li "*tkopri, anki parzjalment, spazju pubbliku, u, minħabba f'hekk, tkun diretta 'l barra mill-isfera privata ta' dak li jwettaq l-ipproċessar tad-data b'dan il-mezz, hija* ***ma tistax titqies li hija attività purament "personali jew domestika***" [enfasi miżjuda]. Dan ir-raġunament ġie wkoll ikkonfermat mit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* (it-"**Tribunal**") permezz tad-deċiżjoni '*Raymond u Mary Ann konjuġi Cutajar vs Kummissarju għall-Informazzjoni u l-*

[8] Kawża C-212/13, '*František Ryneš vs Úřad pro ochranu osobních údajů*', deċiża fil-11 ta' Diċembru 2014, paragrafu 22.
[9] Ibid, Kawża C-212/13 (n 8), paragrafu 33.

*Protezzjoni tad-Data'*[10].

12. Illi in prinċipju, kwalunkwe pproċessar fl-ambitu tar-Regolament għandu jikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament u kif ukoll id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* affettwati, u għaldaqstant, il-kontrollur għandu juri kif l-attività ta' pproċessar li jagħmel, hija f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

13. Illi l-prinċipju tal-ipproċessar legali li huwa wieħed mill-prinċipji tal-ipproċessar tad-*data* jeħtieġ li kull operazzjoni tal-ipproċessar li tkun qiegħda ssir ai termini tar-Regolament ikollha bażi legali għall-ipproċessar. Għaldaqstant, l-artikolu 6(1) tar-Regolament jistipula x'jista' jikkostitwixxi tali bażi legali, filwaqt li jitqiesu wkoll il-prinċipji ewlenin l-oħra għall-ipproċessar tad-*data* kif stipulat fl-artikolu 5 tar-Regolament.

14. Illi l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*[11] (l-"**EDPB**") jispjega li kull bażi legali taħt l-artikolu 6(1) tar-Regolament tista' tipprovdi bażi għall-ipproċessar tad-*data* personali permezz tal-vidjo. Madankollu, fil-prattika – fejn l-attività ta' pproċessar taqa' fl-ambitu tar-Regolament – id-dispożizzjoni li tapplika għall-maġġor parti tal-każijiet huwa l-interess leġittimu tal-kontrollur ai termini tal-artikolu 6(1)(f) tar-Regolament, u f'każijiet pjuttost eċċezzjonali, il-kunsens tas-suġġetti tad-*data*. F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa inekwivoku li l-ilmentaturi ma tawx il-kunsens tagħhom għal tali pproċessar permezz tal-kameras in kwistjoni. [redacted]

15. Illi skont il-prinċipju tar-responsabbiltà kif stabbilit fl-artikolu 5(2) tar-Regolament, il-kontrollur għandu juri kif it-tliet (3) kundizzjonijiet kumulattivi japplikaw. Dan ifisser li l-kontrollur irid ikollu interess leġittimu għall-ħtiġijiet tiegħu però jsegwi l-prinċipju ta' minimizazzjoni tad-*data* ai termini tal-artikolu 5(1)(c) tar-Regolament. L-interessi tal-kontrollur qatt m'għandhom b'xi mod jissostitwixxu l-ħtiġijiet ta' protezzjoni tas-suġġett tad-*data*.

---

[10] Appell Numru 4/2019, deċiża fis-27 ta' Ottubru 2020.
[11] Linji Gwida 3/2019 dwar l-ipproċessar ta' *data* personali permezz ta' apparat video, verżjoni 2.0, adottati fid-29 ta' Jannar 2020.

16. Jekk is-suġġett tad-*data* joġġezzjona għall-fini tal-artikolu 21 tar-Regolament, il-kontrollur irrid konkretament juri li huwa għandu interess leġittimu konvinċenti. Hawn l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-kontrollur.

17. Illi skont il-Linji Gwida[12] tal-EDPB, interess leġittimu jeżisti f'dawk il-każijiet fejn hemm sitwazzjoni reali u ta' periklu. Dan l-interess jista' jitkejjel b'sitwazzjonijiet konkreti bħal per eżempju meta l-kontrollur ikun sofra xi danni fil-propjetà tiegħu fil-passat qabel ma jkun istalla l-kamera. Madankollu, anke f'dawn l-istanzi, il-kamera għandha taqbad biss l-ispazju immedjat tal-proprjetà in kwistjoni.

18. Illi barra minnhekk, il-Kummissarju jinnota li f'diversi deċiżjonijiet tat-Tribunal ġie deċiż ripetutament li persuna li twaħħal kamera tas-sorveljanza għandha strettament timmonitorja l-proprjetà privata tagħha, u dan ifisser li l-kamera jew kameras m'għandhomx sistematikament jissorveljaw spazju pubbliku u, jew proprjetà privata ta' terzi, sakemm f'ċirkustanzi pjuttost eċċezzjonali ma jiġix ippruvat mill-kontrollur li għandu interess leġittimu konvinċenti.

[redacted]

**<u>Il-kamera installata fuq il-barumbara</u>**

19. Illi fir-rigward tal-kamera tas-sorveljanza li hija installata mal-barumbara tal-kontrollur, li tinsab fin-naħa tal-Majjistral tal-artijiet tal-kontrollur, il-Kummissarju analizza l-*image grab* mogħtija ta' din il-kamera tat-22 ta' Jannar 2026, u nnota li meta din tiġi evalwata flimkien mal-immaġini mil-ajru kif ipprovduta, il-kamera qiegħda taqbad viżwal tal-Lvant u tax-Xlokk tal-artijiet tal-kontrollur. Il-Kummissarju osserva wkoll li din il-pożizzjoni tal-kamera ma tindikax li l-kamera taqbad xi passaġġ jew żona li tista' tintuża minn terzi. Għaldaqstant, il-Kummissarju jikkonferma li din il-kamera qiegħda limitata għall-konfini tal-art tal-kontrollur u m'għandux ikun hemm oġġezzjoni għaliha.

20. Illi abbażi tas-suespost, il-Kummissarju kkonkluda li l-ipproċessar fir-rigward ta' din il-kamera hi koperta minn 'eżenzjoni domestika' u allura tikkonforma mal-artiklu 2(2)(c) tar-Regolament.

---

[12] Ibid, Linji Gwida 3/2019 (n 11).

**Il-kamera installata fuq l-arblu**

21. Illi l-Kummissarju nnota s-sottomissjonijiet fir-rigward tal-kamera ta' sorveljanza installata fuq l-arblu fuq il-kamra fost l-għelieqi tal-kontrollur, liema kamra tinsab fin-naħa tal-Lvant u tax-Xlokk tal-artijiet tal-kontrullur (skont l-immaġini mill-ajru).

22. Illi mis-sottomissjonijiet tal-kontrollur li ġew ipprovduti matul il-kors tal-investigazzjoni, il-Kummissarju ra l-*image grab* li ġiet indikata li tikkorrispondi mal-kamera in kwistjoni, kif ukoll innota li din il-kamera hija tat-tip '360°'. Dawn it-tip ta' kameras tipikament ikollhom lenti speċjalizzata u allura jkollhom il-kapaċità teknika sabiex ikunu jistgħu jaqbdu vista komprensiva tal-madwar.

23. Illi l-Kummissarju jinnota li, għalkemm il-kontrollur ipprovda *image grab* minn din il-kamera sabiex juri li din il-kamera qiegħda tkopri r-raba' tiegħu biss, il-fatt li din il-kamera hija tat-tip '360°', (jiġifieri kamera li tista' iddur u tkopri firxa viżiva estensiva), flimkien mal-fatt li hija installata f'pożizzjoni elevata, iqajjem tħassib serju dwar ipproċessar ta' *data* illegali. Dan peress li din il-kamera għandha l-kapaċità li taqbad żoni lil hinn minn dawk strettament marbuta mal-proprjetà tal-kontrollur. Barra minnhekk, mill-immaġini mill-ajru prodotti matul il-kors tal-investigazzjoni, il-Kummissarju jinnota li fil-viċinanzi immedjati jinsab ir-raba' tal-ilmentaturi. [redacted]

24. Għalhekk il-kontrollur ma jistax joffri garanziji suffiċjenti li l-ipproċessar ta' *data* personali qed ikun limitat għar-raba' tiegħu biss.

25. Għaldaqstant, il-Kummissarju jqis li tali installazzjoni toħloq riskju evidenti u kontinwu ta' ġbir eċċessiv ta' *data* personali mingħajr ma s-suġġetti ta' *data* jkunu konxji jew informati b'mod adegwat dwar tali pproċessar. Dan ir-riskju jidher ukoll b'mod manifest mid-dehra viżiva diretta tal-ilmentaturi stess, kif dokumentata fir-ritratt prodott minnhom stess. Dan iwassal lill-Kummissarju jifhem li din il-kamera toħloq riskju illi tiġbor *data* personali lil hinn minn dak li hu strettament aċċettabbli u neċessarju.[13]

[13] Referenza qed issir għat-tieni ritratt mehmuż mal-ilment intavolat mill-ilmentaturi bħala evidenza, ir-raba' (4) paġna.

26. Dan il-punt ġie rifless fis-sentenza '*Raymond Orland vs John Caruana*',[14] fejn it-Tribunal ikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju li permezz tagħha ordna lill-appellant ineħħi l-kamera a bażi tal-fatt li l-appellant installa kamera elevata ma' arblu ġo għalqa u b'hekk m'offriex garanziji xierqa li d-*data* personali tal-appellat ma kinitx se tiġi pproċessata permezz tal-kamera.[15]

27. Illi l-Kummissarju jikkunsidra wkoll li l-objettiv tal-kontrollur jista' jintlaħaq b'mod ugwalment effettiv permezz tal-installazzjoni ta' kamera fissa, angolata direttament u esklussivament lejn il-proprjetà privata tiegħu.

28. Il-Kummissarju jinnota li l-kameras l-oħra installati mill-kontrollur huma proprju kameras fissi, fatt li juri li tali kameras huma diġà meqjusa mill-kontrollur innifsu bħala adegwati għall-protezzjoni tal-proprjetà tiegħu. F'dan il-kuntest, l-użu ta' kamera tat-tip 360°, installata f'pożizzjoni elevata u b'kapaċità ta' sorveljanza estensiva, ma jistax jitqies bħala miżura neċessarja jew proporzjonata meta teżisti alternattiva inqas intrużiva li kapaċi tilħaq l-istess objettiv. Kamera fissa, diretta biss lejn il-limiti tal-proprjetà privata tal-kontrollur, toffri garanziji suffiċjenti u adegwati li d-*data* personali tal-ilmentaturi mhux se tiġi pproċessata waqt li jaċċessaw il-proprjetà privata tagħhom.

29. Illi dan iwassal lill-Kummissarju jikkonkludi li l-kontrollur naqas milli juri b'mod effettiv u suffiċjenti li l-installazzjoni ta' din il-kamera u l-ipproċessar tad-*data* minnha hu limitat għal dak li huwa neċessarju u proporzjonat għall-għan allegat. Għaldaqstant, il-Kummissarju jikkonkludi li l-ipproċessar in kwistjoni ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*, kif stabbilit fl-artikolu 5(1)(c) tar-Regolament.

**Iż-żewġ kameras installati fuq l-opramorta**

30. Illi l-Kummissarju kkunsidra ż-żewġ (2) kameras ta' sorveljanza installati fuq l-opramorta kif 'l fuq sottomess.

---

[14] Appell Numru CDP/COMP/451/2020, deċiża fil-15 ta' Settembru 2022.

[15] *"Li kieku jrid l-appellanti jista' jistalla l-Kamera għal fuq il-proprjetà X kif diġà għamel u biex jilħaq il-proprjetà Y għandu żewġ Mezzi: li jistalla kamera oħra fil parti Y* ***iżda ma jistgħax joqgħod idawwar il-kamera*** *sabiex bl-iskuza biex jissorvelja l-parti Y jinvadi l-propjeta tal-appellat Orland li hija mmarkata bl-ittra Z"* [enfasi miżjuda].

31. Illi ġie rilevat mill-kontrollur li dawn iż-żewġ (2) kameras, li l-Kummissarju jifhem li waħda mil-kameras qiegħda installata fuq in-naħa tal-Lvant/Grigal tal-kamra, u l-oħra qiegħda installata fuq in-naħa tat-Tramuntana/Majjistral tal-kamra (skont l-immaġini mill-ajru), "*ilhom zmien ma jahdmux*". Il-Kummissarju ġie pprovdut ritratt ta' waħda (1) minn dawn iż-żewġ (2) kameras, li skont is-sottomissjonijiet tal-kontrollur "*huma simili ghal dik li tidher f'dan ir-ritratt*".

32. Illi l-Kummissarju nnota, f'dan ir-rigward, ir-ritratt li ġie mehmuż mas-sottomissjonijiet tal-kontrollur li juri *monitor* bil-kliem '*video loss*' ripetut fuqu,[16] u għalhekk, il-kontrollur ma jistax jipprovdi lill-Kummissarju prova ta' dak li qed jaqbdu dawn iż-żewġ kameras.

33. Illi partikolarment, il-Kummissarju jinnota li s-sottomissjonijiet tal-kontrollur li jindikaw li l-kameras "*ilhom żmien ma jahdmux*" ma jikkostitwixxux ġustifikazzjoni suffiċjenti fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u ma jistgħux jitqiesu bħala prova adegwata ta' konformità jew ta' mitigazzjoni tar-riskji relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali. Dan fid-dawl tal-fatt li tali stat ta' inattività jista' jkun ta' natura purament temporanja, u li l-kameras jistgħu, fi kwalunkwe mument, jerġgħu jitħaddmu u jiġu riattivati, mingħajr ma jkun ġie żgurat mill-Kummissarju li hemm konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* personali. L-oneru tal-prova f'dan ir-rigward jaqa' fuq il-kontrollur.

34. Illi f'dan il-kuntest, il-Kummissarju jinnota wkoll li l-kamra li fuqha jinstabu installati dawn iż-żewġ kameras tinsab viċin ħafna tal-għelieqi tal-ilmentaturi. Kif ukoll jidher mis-sottomissjonijiet li rċieva l-Kummissarju, jirriżulta li jeżisti passaġġ li minnu l-ilmentaturi jgħaddu sabiex jaċċessaw l-għelieqi tagħhom, li jinsab fil-viċinanzi immedjati.

35. Illi skont id-deċiżjonijiet tat-Tribunal fl-ismijiet *Raymond Orland vs John Caruana* u *Matthew Bianco vs Philip Incorvaja*, tal-15 ta' Settembru 2022, it-Tribunal kkonferma d-deċiżjonijiet tal-Kummissarju fejn il-kontrolluri ġew ordnati jwaqqfu l-attività ta' proċessar stante li ma kienx hemm assigurazzjoni li l-attività ta' pproċessar kienet qed tkun jew ser tkun, f'konformità mal-provedimenti tar-Regolament, b'garanziji xierqa f'dan ir-rigward.

[16] Ir-raba' (4) ritratt mehmuż mas-sottomissjonijiet tal-kontrollur datati t-22 ta' Jannar 2026.

36. Illi għal dawn ir-raġunijiet, fl-interess li tiġi żgurata konformità effettiva u ġenwina mal-prinċipju tal-ġustizzja hekk kif stabbilit mill-istess Regolament fl-artikolu 5(1)(a), il-Kummissarju qed jordna li dawn il-kameras għandhom jitneħħew.

<u>**Il-kamera installata mal-faċċata tal-garaxx**</u>

37. Illi l-Kummissarju kkunsidra wkoll il-kamera ta' sorveljanza installata mal-faċċata tal-garaxx tal-kontrollur li qiegħed 'l barra mill-perimetru tal-għelieqi tiegħu; jinsab lejn in-naħa tal-Punent/Majjistral tal-istess għelieqi, kif jirriżulta mill-immaġini mill-ajru eżaminat fil-kuntest tal-investigazzjoni.[17]

38. Illi l-Kummissarju nnota mis-sottomissjonijiet li rċieva mill-kontrollur li l-lenti tal-kamera intlaqtet meta bdew idaħħlu xi siġar ġol-garaxx, u li "*issa qieghda kif suppost*".

39. Għaldaqstant, il-Kummissarju ra l-*image grab* tad-19 ta' Jannar 2026 meħud minn din il-kamera, u kkonkluda li, kif il-kamera hi aġġustata, tilħaq biss il-propjetà tal-kontrollur. [redacted] Konsegwentement, l-ipproċessar fir-rigward ta' din il-kamera qiegħed issir minn persuna fiżika waqt attività purament personali. Għalhekk skond l-artiklu 2(2)(c) tar-Regolament din il-kamera ma tistax tiġi sanzjonata.

**KONKLUŻJONI U DEĊIŻJONI FINALI**

**A bażi tas-suespost, il-Kummissarju qiegħed jiddeċiedi li l-attività ta' pproċessar kondotta mill-kontrollur permezz tal-kamera tas-sorveljanza installata mal-barumbara u l-kamera installata mal-faċċata tal-garaxx, taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni materjali ai termini tal-artikolu 2(2)(c) tar-Regolament, stante li dawn il-kameras huma limitati sabiex jaqbdu esklussivament il-proprjetà tal-kontrollur.**

**Illi, fir-rigward tal-kameras l-oħra, il-Kummissarju qiegħed jiddeċiedi li l-attività tal-ipproċessar li qed issir, jew li tista' ssir, permezz tal-kameras installati mal-opramorta**

[17] Li hija installata f' [redacted].

**m'hijiex konformi mal-prinċipju tal-ġustizzja hekk kif stipulat fl-artikolu 5(1)(a) tar-Regolament, u li l-attività ta' pproċessar li qed issir permezz tal-kamera installata mal-arblu m'hijiex konformi mal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-*data* kif stipulat fl-artikolu 5(1)(c) tar-Regolament.**

**Bis-saħħa tal-artikolu 58(2)(f) tar-Regolament, il-Kummissarju qiegħed jordna lill-kontrollur sabiex iwaqqaf kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar ta' *data* li qiegħda jew tista' ssir permezz tal-kameras installati mal-arblu u mal-opramorta billi jneħħi dawn il-kameras fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni. Il-kontrollur qiegħed jiġi ordnat sabiex jinforma lill-Kummissarju immedjatament bl-azzjoni korrettiva li tkun ittieħdet, u jipprovdi evidenza fotografika li l-kameras tneħħew. Din l-evidenza għandha tintbagħat permezz ta' email indirizzat lill-Kummissarju fuq idpc.cctv@idpc.org.mt**

**Jekk il-kontrollur ma jattwax din id-deċiżjoni fiż-żmien stipulat, il-Kummissarju jista' jordna multa amministrattiva fil-konfront tal-kontrollur ai termini tal-artikolu 83(6) tar-Regolament.**

**Mingħajr preġudizzju għas-suespost, xejn ma jipprekludi lill-kontrollur milli jinstalla kamera esternament fuq il-proprjetà tiegħu, sakemm tali kamera tkun ta' natura fissa, u tkun installata b'mod li jipprovdi assigurazzjoni lis-suġġetti tad-*data* kkonċernati li l-ipproċessar ikun limitat esklussivament għall-proprjetà privata tiegħu.**

[redacted]

**Dott. Reno Borg**
**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***

**Illum, 25 ta' Mejju, 2026**

**Dritt ta' Appell**

Il-partijiet qegħdin jiġu infurmati li skont l-artikolu 26(1) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta), kull persuna li lilha tkun ġiet indirizzata deċiżjoni legalment vinkolanti, għandha jkollha d-dritt li tappella bil-miktub lit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* fi żmien għoxrin (20) jum minn meta tiġi notifikata bid-deċiżjoni[18]. L-appell għandu jiġi indirizzat lis-Segretarja:

Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*
158, Triq il-Merkanti, Valletta.

[18] Iżjed informazzjoni tinstab fuq il-websajt ta' dan l-Uffiċċju: https://idpc.org.mt/appeals-tribunal/